**18 ta' Marzu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Vincent Falzon *noe*

*versus*

Lucio Bonello *noe*

**Kambjala – Azzjoni Kambjarja – Aċċettazzjoni ta' – Aċċettazzjoni *Proprio* jew f'Isem Ditta jew Soċjetà – Persuna Fiżika – Persuna Morali – Ditta**

*Azzjoni kambjarja. Minn eżami tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-obbligazzjoni kambjarja kienet ġiet assunta mill-konvenut f'isem persuna morali ċjoè ditta u mhux f'isem persuna fiżika.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess li l-konvenut kellu jagħti lill-attur *nomine* s-somma ta' ħames miljuni, tliet mija tlieta u sittin elf, mija wieħed u għoxrin lira Taljani (Lit. 5,363,121) dovuti in kwantu għas-somma ta' Lit. 4,704,565 liri Taljani import ta' tliet kambjali minnu aċċettati u skaduti fl-10 ta' Ottubru, 10 ta' Novembru u 28 ta' Novembru, 1980, in kwantu għas-somma ta' Lit. 194,386 spejjeż bankarji u in kwantu għas-somma ta'

Lit. 4641170 għall-imgħax dovuti mid-diversi skadenzi sal-31 ta' Jannar, 1982 kif jidher mill-anness Dok. "A"; premess illi *wara* l-*ittra uffiċjali ta'* l-10 *ta'* Frar, 1982 il-konvenut ħallas akkont ta' dan il-kreditu s-somma ta' Lm505 liri Maltin ekwivalenti għal Lit. 1,515,000 liri Taljani u għalhekk illum għandu jagħti l-bilanċ ta' tliet miljuni, tmien mija u tmienja u erbgħin elf, mija wieħed u għoxrin liri Taljani (Lit. 3,848,*121*) oltre *l*-imgħax *mid-data ta'* dan il-pagament sa l-eventwali pagament għas-saldu ta' dan id-debitu; premess illi l-konvenut għalkemm ipprometta diversi darbi li kien sejjer *iħallas* baqa' *inadempjenti*. *Talab li* l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tliet miljuni, tmien mija tmienja u erbgħin elf, mija wieħed u għoxrin liri Taljani (Lit. 3,848,*121*) fl-ekwivalenti flus *Maltin* bilanċ *ta' somma* akbar *import ta' tliet* kambjali *minnu* aċċettati li skadew fl-10 ta' Ottubru, 10 ta' Novembru u 28 ta' Novembru, 1980. Bl-ispejjeż *inklużi* dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-10 ta' Frar, 1982 u ittra legali tat-22 ta' Settembru, 1983 u bl-imgħax legali;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta' Marzu, 1984 li biha, fil-kontumaċja tal-konvenut *iddeċidiet* adesivament għall-istanza billi kkundannat lill-konvenut *proprio et nomine* jħallas lill-attur *nomine* Lm845.16ċ3 għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż *u bl-imgħax mitlub u dana wara li rat id-dikjarazzjoni* ġuramentata ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu u li l-konvenut debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni baqa' ma ppreżentax nota ta' eċċezzjonijiet u wara li kkunsidrat li mill-prova fuq imsemmija t-talba ta' l-attur tirriżulta ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-2 ta' April, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fis-17 ta' April, 1984;

Rat ir-risposta ta' l-attur *nomine* ppreżentata fit-22 ta' Mejju, 1984;

Rat in-nota ta' l-attur appellata ippreżentata fis-seduta ta' l-24 ta' Frar, 1986 li biha rtira l-eċċezzjoni minnu ssollevata fit-tieni paragrafu ta' l-imsemmija risposta tiegħu, ċjoè illi *stante* li l-appellant baqa' kontumaċi huwa għandu qabel xejn jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni preżenti, kif jidher mill-att taċ-Ċitazzjoni, hija diretta kontra l-konvenut sija f'ismu proprju kif ukoll għan-nom tad-ditta *"Domenico Arpa"* u l-ewwel Qorti ddeċidiet adesivament għall-istanza;

Iżda, kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell, il-konvenut, meta appella, ma appellax għan-nom tad-ditta *"Domenico Arpa"* għaliex il-petizzjoni ta' l-appell hija "ta' l-imsemmi Lucio Bonello";

Għalhekk l-ewwel sentenza, inkwantu li kkundannat lill-konvenut għan-nom tad-ditta *"Domenico Arpa"* biex iħallas is-somma hemm imsemmija, għandha tiġi kkunsidrata bħala li għaddiet in ġudikat u t-talba fil-petizzjoni ta' l-appell għar-revoka

tas-sentenza appellata u għaċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur kif diretta kontra l-konvenut Lucio Bonello għan-nom tad-ditta "*Domenico Arpa*" ma tistax tiġi akkolta;

Ikkunsidrat:

Tibqa' għalhekk quddiem din il-Qorti t-talba għar-revoka tas-sentenza appellata inkwantu tirrigwarda l-azzjoni kif diretta kontra l-konvenut f'ismu proprju;

L-azzjoni eżerċitata mill-attur *nomine* hija l-azzjoni kambjarja u kwindi hija ċirkoskritta minn dak li jirriżulta mit-tliet kambjali esebiti. Dawn kollha huma indirizzati lil "*Domenico Arpa*" u l-konvenut, meta aċċetta l-istess kambjali, taħt il-firma tiegħu żied il-kliem "*for D. Arpa*". Għalhekk ma jistax jingħad mill-kambjali li l-konvenut hu tenut personalment u f'dan ir-rigward l-appell huwa ġustifikat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt li tirrevokaha inkwantu laqgħet it-talba ta' l-attur *nomine* kif diretta kontra l-konvenut f'ismu proprju u tiċħad it-talba inkwantu hekk diretta u f'dan ir-rigward tilqa' l-appell, tikkonfermaha inkwantu laqgħet l-istess talba kif diretta kontra l-konvenut għan-nom tad-ditta "*Domenico Arpa*" bl-imgħaxijiet kif mitluba u f'dan ir-rigward tiċħad l-appell. L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jitħallsu nofs mill-attur *nomine* u nofs mill-konvenut appellant *proprio et nomine*.